MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-22 ta' April, 2004

Numru 7/2002

Il-Pulizija
(Sp Abraham Zammit)
vs
Spiridione Camilleri, iben
Nazzareno, imwieled Pieta'
fid-29 ta' marzu, 1965

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fil-Marsa u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, fil-5 ta' marzu, 2001 –
a. bla ordni skond il-liġi ta' awtorita kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta jew żamm jew issekwestra lil Graziella Apap kontra l-volonta' tagħha liema delitt hu aggravat billi Graziella Apap ġiet imġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha;

b. b'egħmil żieni kkorompa lil Graziella Apap, persuna taħt l-eta';
c. għamel attentat vjolenti għall-pudur ta' Graziella Apap;
d. offenda l-pudur jew il-morali ta' Graziella Apap b'egħmil li sar f'lok pubbliku jew espst għall-pubbliku.
Il-Qorti ġiet mitluba li barra li tapplika l-pieni stabbiliti skond il-liġi, tapplika wkoll
l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tas-26 ta' frar, 2002 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' april, 2004 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjjuba kontra tiegħu.  Rat
l-artikoli 86, 203(1) u 207 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija.  Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma għandhiex isseħħ ħlief jekk fi żmien sena mil-lum l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija. Rat l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li għal perjodu ta' sena mil-lum ma jkellimx jew jimmolesta lil Graziella Apap taħt penali ta' mitt lira maltin (Lm100).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------